



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Baġits

2010/2237(BUD)

19.10.2010

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba
(COM(2010)0578 – C7-0323/2010 – 2010/2237(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Reimer Böge

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .. **Error! Bookmark not defined.**

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP**Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-
punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew,
il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba
(COM(2010)0578 – C7-0323/2010 – 2010/2237(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0578 – C7-0323/2010),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod¹, u b'mod partikulari l-punt 26,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea²,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2010),
1. Japprova d-deċiżjoni mehmuża ma' din il-riżoluzzjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex il-President tiegħu din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' xxx Novembru 2010

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidraw l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod¹, u b'mod partikulari l-punt 26,

wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea²,

wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") biex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri,
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat.
- (4) Il-Portugall ressaq applikazzjoni biex il-Fond jiġi mobilizzat, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat minn valangi u għargħar fil-gżira ta' Madeira.
- (5) Franza ressqet applikazzjoni biex il-Fond jiġi mobilizzat, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat mill-maltempata 'Xynthia'.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 66,891,540 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi _____ ,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni tipproponi li jiġi mmobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea favur il-Portugall u Franza fuq il-bażi tal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod (IIA). Il-Ftehim Interistituzzjonali jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà fil-livell massimu annwali ta' EUR 1 biljun.

S'issa fl-2010 proposta waħda biss tressqet mill-Kummissjoni biex timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà, il-proposta tal-24 ta' Settembru 2010 biex jiġu mmobilizzati EUR 13,02 miljun wara għargħar kbir fl-Irlanda f'Novembru 2009 (COM (2010) 0534). Din il-proposta u l-abbozz ta' baġit ta' emenda korrispondenti (DAB Nru 8 / 2010) għadu fil-proċess li jiġi adottat miż-żewġ ferġhat tal-Awtorità Baġitarja.

B'mod parallel mal-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà għall-Portugall u Franza, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' baġit ta' emenda (DAB Nru 9 / 2010 tat-13 ta' Ottubru 2010) sabiex jiddaħħlu fil-baġit tal-2010 l-appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet korrispondenti kif previst fil-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Il-Portugall applika għall-assistenza mill-Fond ta' Solidarjetà wara li fi Frar 2010 niżlet xita mhux tas-soltu u mhux normali fuq il-gżira ta' Madeira li kkawżat valangi u għargħar kbir li waslu għal ħsara lill-infrastruttura pubblika u privata, lin-negozji u lill-agrikoltura.

L-awtoritajiet Portugiżi stmaw id-dannu dirett totali għal EUR 1,080-il biljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 0.68 % tad-dħul nazzjonali gross tal-Portugall. Peress li l-ħsara diretta totali stmata li taqbeż il-limitu ta' 0,6% tal-DGN applikabbli għall-Portugall biex ikun mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà, id-dizastu jikkwalifika bħala "dizastu naturali kbir" skont ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 li jistipula l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà u għaldaqstant jaqa' fil-qasam prinċipali ta' applikazzjoni tar-regolament.

Franza applikat għall-assistenza mill-Fond ta' Solidarjetà wara li fi Frar 2010 l-parti l-kbira minnha kienet milquta mill-maltempata 'Xynthia' filwaqt li r-reġjun fuq il-kosta tal-Atlantiku, jiġifieri d-dipartimenti ta' Charente-Maritime u Vendée, kienu l-aktar serjament affettwati. Il-maltempata qatlet 53 persuna u 80 sfaw feruti. Il-maltempata għerrqet żoni mifruxa inklużi żoni residenzjali u kkawżat dannu kbir lil digi, lil infrastruttura pubblika u privata, lil netwerks tat-toroq u tal-ferroviji kif ukoll lill-agrikoltura u n-negozji.

Għaż-żona magħżula l-awtoritajiet Franċiżi stmaw il-ħsara diretta totali kkawżata mid-dizastu għal EUR 1 425,43 miljun. Dan l-ammont jirrappreżenta 41.12% tal-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għal Franza fl-2010 ta' EUR 3 466,57 miljuni (jiġifieri EUR 3 biljun fil-prezz tal-2002)..

Bħal f'dan il-każ il-ħsara totali tibqa' taħt il-limitu normali; l-applikazzjoni ġiet eżaminata mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-hekk imsejjaħ kriterju tad-"dizastu reġjonali straordinarju" stabbilit fl-Artikolu 2(2), subparagrafu finali, tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002. Taħt dan il-kriterju, reġjun jista' eċċezzjonalment jibbenefika wkoll minn għajjuna mill-Fond fejn dan ikun affettwat minn dizastu straordinarju, prinċipalment wieħed naturali, li jaffettwa l-parti l-

kbira tal-popolazzjoni tiegħu, u li jħalli riperkussjonijiet serji u li jdumu fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun.

Wara li vverifikat li ż-żewġ applikazzjonijiet kienu konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà għal ammont ta' **EUR 31 255 790** għall-Portugall (għargħar ta' Madeira) u **EUR 35 635 750** għal Franza (Maltempata Xynthia) li jwasslu għal ammont totali ta' **EUR 66 891 540** f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Konsegwentement, fl-abbozz ta' baġit ta' emenda (DAB Nru 9/2010 tat-13 ta' Ottubru 2010) il-Kummissjoni ressqet il-proposta li ġejja:

Ċifri - Fond ta' Solidarjetà

Artikolu Punt	Intestatura	FF	Baġit 2010		Baġit li jemenda Nru. 9		Ammonti ġodda	
			AI	AH	AI	AH	AI	AH
13 06	Fond ta' Solidarjetà							
13 06 01	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea — Stati Membri	3.2	13 022 500	13 022 500	66 891 540	66 891 540	79 914 040	79 914 040
	Artikolu 13 06 01		13 022 500	13 022 500	66 891 540	66 891 540	79 914 040	79 914 040

Iċ-ċifri għall-Baġit 2010 f'din it-tabella huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-abbozz ta' baġit ta' emenda (DAB Nru 8/2010) se jiġi adottat mill-Parlament u l-Kunsill.

B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet tnaqqis korrispondenti fl-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-linja baġitarja 06 04 14 03: Proġetti tal-enerġija b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku – Sistema Ewropea ta' grid tar-riħ barra mill-kosta.

Skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali, meta tkun qed tippreżenta din il-proposta biex tuża l-Fond, il-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura tat-trilogu ssimplifikata bil-għan li tiżgura l-qbil taż-żewġ friegħi tal-Awtorità Baġitarja dwar il-ħtieġa li l-Fond jintuża u dwar l-ammont meħtieġ.

Skont ftehim intern mal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (REGI), dan il-kumitat għandu jiġi assoċjat mal-proċess, sabiex jingħataw appoġġ u kontribut kostruttivi għall-implimentazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà.

Wara l-evalwazzjoni tat-talbiet, il-kumitat REGI tal-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond, kif hemm imfisser fl-opinjoni mehmuża mar-rapport preżenti.

Il-Parlament jistenna mill-Kummissjoni li din tagħmel dak kollu possibbli biex tiżgura li l-mezzi finanzjarji li jkunu saru disponibbli mill-Awtorità tal-Baġit għall-appoġġ tal-irkupru ekonomiku fl-Ewropa jiġu implimentati sew, speċjalment fil-qasam tal-politika tal-Enerġija li tirrappreżenta prijorità baġitarja strateġika tal-Parlament.

Abbażi ta' dan, ir-Rapporteur jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni annessa ma' dan ir-rapport.

OPNJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP